17 ta' Ottubru, 1949.

Imħallef:

L-Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.

Virginia Abela et. *versus* Angela Micallef et.

**Serviġi — Supplement ta' Kumpens — Ħlas ta' Flus fl-Interess ta' Ħadd Ieħor — Mandat — Preskrizzjoni — Art. 2252 (c) u 2254 (d) tal-Kodiċi Ċivili.**

*In tema ġenerali, min jirrendi serviġi li għalihom tkun ġiet pattwita retribuzzjoni ċerta u determinata, ma għandux dritt għal supplement ta' dik ir-retribuzzjoni kemm il-darba l-persuna servuta ma tkunx eżiġiet xogħol straordinarju li joħroġ mill-konvenzjoni.*

*Imma jekk bniedem jaċċetta ħlas żgħir tas-serviġi li jirrendi u li jkun ħaqqu ħlas akbar għalihom, u dan jagħmlu għax jiġi ttamat mill-persuna servuta li jkollu ħlas akbar aktar tard, u din it-tama ma sseħħx, dan il-bniedem għandu dritt jitlob supplement għal dak il-kumpens li jkun irċieva.*

*Min ikun jirrendi serviġi, u fl-istess ħin joħroġ xi flus biex jitħallas dejn tal-persuna servuta, u għalhekk iħallashom fl-interess u akkont ta' dik il-persuna, ma jkunx qiegħed att ta' domestiku, imma ta' mandatarju li jiżborża flus għall-mandanti tiegħu; u għalhekk għall-azzjoni ta' ripetizzjoni ta' dawk il-flus hija applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn, u mhux dik ta' sena.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi talbu li, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, billi hi pprestat serviġi u assistenzi lill-konvenuta, u hu ħareġ flus għall-manteniment u kura tagħha fi żmien ta' xi tlittax-il xahar; u billi huma, fis-16 ta' Diċembru 1945, silfu "brevi manu" u ħallsu fl-interess tal-konvenuta s-somma ta' £25; il-konvenuta (1) tiġi kundannata tħallashom, jew min minnhom, il-kumpens dovut għas-serviġi u assistenzi fuq imsemmija, kif ukoll il-flus maħruġin għall-manteniment u kura tagħha, li għandhom jiġu likwidati minn dina l-Qorti, anki per mezz ta' periti legali; (2) tiġi kundannata tirrestitwilhom is-somma ta' £25 għar-raġunijiet fuq speċifikati. B'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ingħax legali min-notifika taċ-ċitazzjoni fuq il-£25; u b-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat tas-sekwestru tad 9 ta' Lulju 1947, kontra l-konvenuta;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-kwistjoni bejn il-kontendenti hija dupliċi; u ċjoè (1) talba għall-kumpens dovut għas-serviġi, u assistenzi, kif ukoll flus maħruġin għall-manteniment tal-konvenuta, u (2) restituzzjoni ta' somma ta' £25 mislufa "brevi manu" mill-atturi lill-konvenuta, u mħallsa fl-interessi tagħha lil terzi persuni li kellhom jeħdulha minn għandha;

Illi mill-provi li jinsabu fil-proċess jidher ċar li ma hemmx kwistjoni bejn il-kontendenti li fil-fatt il-konvenuta, li kienet mara ta' età avanzata ħafna, kienet tinstab, meta kienet ħajja, għand l-atturi..........., u li f'dawn iż-żewġ perijodi ġiet mitmugħa, assistita u kkurata mill-istess atturi u l-familja tagħhom;

Illi dak li huwa kontestat bejn il-partijiet huma l-punti segwenti, u ċjoè (1) li peress li fl-ewwel perijodu fuq imsemmi l-konvenuta ħalset 2s. kuljum lill-attriċi, il-konvenuta ssostni li għal dak il-perijodu ma ħaqqhomx kumpens, il-għaliex l-istess ġie mħallas, u (2) li dwar is-somma ta' £25 mħallsa mill-atturi fl-interess tal-konvenuta lil wieħed kreditur tagħha eċċepew il-preskrizzjoni ta' sena skond it-termini tal-art. 2252(c) tal-Kodiċi Ċivili, u ġiebu argumenti nduttivi biex se maj jippruvaw li l-pagament kien possibili;

Tikkunsidra;

Illi jingħad qabel xejn li n-natura u kwalità tas-serviġi, sija rigwardati mill-punto di vista tal-forniment ta' l-ikel kemm minn dak ta' l-assistenza u kuri, kienu bejn wieħed u ieħor fiż-żewġ perijodi ta' l-istess kwalità..............;

Illi wara li għidna dak li ntqal fuq, dina l-Qorti sejra tgħaddi biex tinvesti l-kwistjoni tad-dritt ta' kumpens dwar l-ewwel perijodu, inkwantokkè mid-dokument fol. 6 tal-proċess u mill-provi jirriżulta li għal dak il-perijodu l-konvenuta ħallset għall-manteniment 2s. kuljum (salv dak li sejjer jingħad dwar l-ewwel ħmistax);

Illi fuq dan il-punt, il-Qorti kif inhija presjeduta kellha okkażjoni tesprimi ruħha fis-sens illi meta għas-serviġi tkun ġiet pattwita retribuzzjoni ċerta u determinata, is-serventi in tema ġenerali ma għandux dritt jitlob supplement ta' kumpens għas-serviġi jekk u kwante volte l-persuna li tkun ħadithom ma teżiġix mill-persuna li tkun servietha xogħol straordinarju li joħroġ mill-konvenzjoni; u dina l-opinjoni tal-Qorti ġiet konfermata mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (ara Prim'Awla Ċivili, "Emmanuele Buhagiar et. vs. Giovanni Ellul" tal-21 ta' April 1947, konfermata fl-Appell fl-14 ta' Mejju 1948). Jingħad però illi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, hemm differenza kbira bejn kuntratt perfezzjonat u stipulazzjoni aċċettata u determinata "a priori", u rapport ġuridiku subordinat għall-fatt fis-sens li jkun fatt u prestazzjoni magħmula minn persuna u aċċettata minn oħra, fejn jew ikun hemm il-preżunzjoni tal-pagament tal-kumpens, jew in-natura tax-xogħol u r-relazzjoni tal-persuni implikati jissupponu dak il-kumpens, jew fejn il-persuna servuta tkun ipprometttiet kumpens li tkun anzi mbagħad assikurat b'xi atti pożitivi, li in segwitu dik l-istess persuna terġa' lura minnhom l-għaliex ikollha dritt terġa' lura minnhom. Fi kliem ieħor, jekk bniedem jaċċetta ħlas żgħir tas-serviġi li jkun għamel, u li jkun ħaqqu ħlas akbar għalihom mill-persuna servuta, il-għaliex dina l-persuna tittamah bi ħlas akbar aktar tard, u anzi b'attijiet ċari turi dina l-intenzjoni, li fl-aħħar biddlet kif kellha d-dritt tbiddel, dina l-persuna servuta jew l-aventi kawża minnha, li tkun qiegħda jew ikunu qegħdin javvantaġġjaw ruħhom, ma jis-

tgħux ikunu protetti, fuq il-bażi tal-prinċipji elementari tal-ġustizzja ekwitativa;

Illi fuq dana l-prinċipju, meta l-attriċi Virginia Abela talbet 2s. kuljum biss għall-manteniment ta' l-ewwel perijodu, li ma kienx ġie sa mill-bidu pattwit, il-għaliex ġiet pressata mid-decujus, u wara li kienet taf li l-istess Angela Micallef kienet bit-testment in atti tan-Nutar Oscar Azzopardi tal-14 ta' Diċembru 1945 ħallietha werrieta universali, dana naturalment għamlitu mħabba dak il-fatt aċċertat. Jingħad ukoll li hija dak li rċeviet, kieku fl-assenza tat-testment imsemmi kellu jiġi kunsidrat bħala saldu ta' kollox, kien ikun jimplika rinunzja tal-kumpens tal-kuri, serviġi u assistenzi, il-għaliex il-ħlas sar għall-manteniment biss, u dawk l-assistenzi lanqas ġenerikament ma jistgħu jidħlu taħt il-kelma "manteniment", li skond id-dottrina rumana taħt dik il-kelma tikkomprendi l-ilbies, l-ikel u l-abitazzjoni, u, fejn huwa l-każ, l-ispejjeż ta' l-edukazzjoni. Fi kliem ieħor ma hemmx relazzjoni bejn dak li aċċettat taħt dik it-tama, rafforzata b'attijiet eżekutivi, u x-xogħol li effettivament għamlet;

Illi kwindi, fil-ħsieb ta' dina l-Qorti, għar-raġunijiet li ntqalu u għal dawk addotti mill-perit legali l-atturi anki għall-ewwel perijodu ħaqqhom supplement:

Illi dwar it-tieni perijodu kwindi lanqas ma tista' sseħħ it-teżi konvenuta fis-sens li l-istes għandu jkun regolat biż-2s. kuljum; (1) il-għaliex ma kienx hemm ftehim; (2) u l-għaliex l-ewwel fissazzjoni għall-manteniment biss ġiet, kif intqal fuq, fissata mħabba fil-fatt tat-testment li in segwitu d-decujus biddlet kif kellha d-dritt tagħmel;

Tikkunsidra;

Illi in kwantu għall-fissazzjoni tal-kumpens jingħad li mill-provi jirriżulta............;

Illi kwindi l-atturi jibqgħalhom jieħdu bilanċ ta' £90. 6. 0 għas-serviġi, kuri, assistenzi u l-affarijiet l-oħra mitluba fl-ewwel talba;

Tikkunsidra;

Illi dwar il-kwistjoni sollevata in konnessjoni mat-tieni talba, jingħad li l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni mogħtija mill-konvenuta skond l-art. 2252(c) tal-Kodiċi Ċivili, manifestament mhix applikabili għar-rapport ġuridiku "de quo". Il-

ħlas ta' £25 li l-atturi ħallsu għall-interess tal-konvenuta ma kienx dovut minnhom għall-ebda mill-kuntratti msemmijin f'dik l-istess dispożizzjoni. Tabilħaqq, ir-rapport ta' l-atturi f'dina l-operazzjoni ma kienx ħag'oħra ħlief dak ta' mandatarji, li f'lokha u bil-kunsens u inkariku tagħha ħallsu dejnha, b'mod li l-preskrizzjoni applikabili, se maj, hija dik ta' sentejn kif jingħad fl-art. 2254(a) tal-Kodiċi Ċivili. Issa skond il-fattijiet, is-sentejn mill-ħlas għadhom ma għaddewx, kif jidher mill-provi u mill-perizja legali;

Illi kwindi l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għandha tiġi miċħuda;

Illi huwa sintomatiku kif il-konvenuta, wara li tat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sena, li hija preskrizzjoni brevi, baqgħet imbagħad tiddiskuti fuq il-possibilità u probabilità tal-pagament ta' £25 in parola, meta l-istess eċċezzjoni, skond il-ġurisprudenza kostanti tagħna, timporta indifferentement, skond il-formola tal-ġurament li se maj seta' jiġi deferit kieku dik il-preskrizzjoni kienet applikabili, jew nuqqas ta' obligazzjoni jew preżunzjoni ta' pagament. Imma, apparti minn dana kollu, jingħad li l-attriċi Virginia Abela, bil-ġurament tagħha u mhux meruta minn ħadd, ġiebet 'il-quddiem it-teżi tagħha dwar il-kreditu ta' £25 kontra l-konvenuta. Id-dikjarazzjoni tal-konvenuta fl-aħħar testment tagħha, li hija debitriċi ta' l-attriċi fis-somma ta' £18, u kwalunkwe dikjarazzjoni oħra fit-tavoli testamentarji tagħha, hija unilaterali u mhix biżżejjed sabiex tinnewtralizza t-teżi attriċi...........;

Illi kwindi, fl-istat tal-provi kif jinsabu migbura, l-atturi ppruvaw soddisfaċentement it-teżi tagħhom dwar it-tieni talba;

Għal dawna l-motivi;

Taqta' u tiddeċidi l-ewwelnett billi tiċħad l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni ta' sena mogħtija mill-konvenuta nomine dwar it-tieni talba, u tgħid li għar-rapport ġuridiku "de quo" hija applikabili l-preskrizzjoni ta' sentejn fuq imsemmija li għadha ma għaddietx, u konsegwentement tilqa' t-tieni talba li ġiet pruvata; u t-tieni nett tilqa' l-ewwel talba attriċi u tillikwida l-kumpens dovut lill-atturi għall-kawżalijiet u perijodi msemmijin għal £108. 6. 0. li minnhom għandhom jitnaqqsu £18 li l-attriċi ħadet għall-ewwel perijodu, b'mod li

l-ammont aktar likwidat għal dak il-perijodu għandu jittieħed bħala supplement; u tikkundanna lill-konvenuta nomine tħallas għas-saldu £90. 6. 0 għar-raġunijiet imsemmija fl-att taċ-ċitazzjoni;

L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-konvenuta nomine, barra mid-dritt tar-reġistru, li għandu jitħallas terz mill-atturi u żewġ terzi mill-konvenuta nomine.